Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,655, 29 ta' Mejju, 2026

Taqsima B

A.L. 171 tal-2026

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 65.33.
L.S. 499.68.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "Att" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "API" tfisser interfaċċa tal-programmazzjoni ta' applikazzjoni li taħdem bħala pont bejn l-applikazzjonijiet, magħmula disponibbli mid-detenturi ta' awtorizazzjoni sabiex jaġixxu bħala pjattaforma intermedjarja għas-servizz ta' prenotazzjoni jew mill-fornituri tas-servizzi l-oħra rilevanti, u s-sistemi elettroniċi li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien topera sabiex twettaq il-funzjonijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.";

(b) it-tifsira "diska tal-parkeġġ" għandha tiġi sostitwità

bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "diska tal-parkeġġ awtorizzata" tfisser tagħmir magħmul mill-kartun kif indikat fis-Sitt Skeda li jkun jikkonsisti f'diska li ddur fuq fus u li tkun turi, minn ġo tieqa li tkun tinsab fuq il-qoxra ta' barra, arloġġ li jkun fih tnax (12)-il siegħa b'indikaturi għal segmenti ta' ħmistax (15)-il minuta kull waħda stampata fuq id-diska li tkun tinsab fuq ġewwa, u li tinġabar b'xejn mill-uffiċini tal-Awtorità mal-ġbir tal-liċenzja relattiva għall-operatur jew xufier jew mingħand provditur ta' servizz awtorizzat indikat mill-Awtorita fuq is-sit uffiċjali tagħha;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "diska tal-parkeġġ awtorizzata" għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "flotta" tfisser kwalunkwe grupp ta' vetturi, li tinkludi vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri waħda (1), jew aktar, li huma reġistrati taħt kwalunkwe liċenzja ta' operatur maħruġa taħt dawn ir-regolamenti;

"garaxx" tfisser kwalunkwe post li fih l-iggaraxxjar ta' vetturi bil-mutur huwa permess mill-Awtorità tal-Ippjanar;

"garaxx tas-servizz pubbliku" tfisser garaxx li huwa liċenzjat b'mod validu bħala garaxx għas- servizz pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 62 *et sequitur* tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur;

L.S. 65.11

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kumpaniji;";

Kap. 386.

(d) it-tifsira "faċilità tal-iggaraxxjar" għandha tiġi mħassra;

(e) minnufih wara t-tifsira "kiri" għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Kummissarju" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income;

Kap. 123.

"liċenzja ta' operatur LPTV1" tfisser liċenzja ta' operatur li tingħata lill-operaturi li jirreġistraw fuq il-liċenzja tagħhom bejn vettura waħda (1) żgħira u erba' (4) vetturi żgħar;

"liċenzja ta' operatur LPTV2" tfisser liċenzja ta' operatur li tingħata lill-operaturi li jirreġistraw fuq il-liċenzja tagħhom ħames (5) vetturi żgħar jew aktar ;

"liċenzja ta' operatur SOV" tfisser liċenzja ta' operatur li tingħata lill-operaturi li jirreġistraw fuq il-liċenzja tagħhom vettura waħda (1) jew aktar bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali;";

(f) minnufih wara t-tifsira "servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "sid benefiċjarju" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu;";

L.S.373. 01.

(g) minnufih wara t-tifsira "Unjoni Ewropea" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "użu esklussiv" tfisser l-użu ta' garaxx minn operatur wieħed (1) ta' kwalunwke liċenzja u li għal kwalunkwe fini jeskludi l-kondiviżjoni ta' tali garaxx bejn żewġ (2) operaturi jew aktar, kif ukoll jeskludi l-kondiviżjoni ta' tali garaxx ma' kwalunkwe sid terz ta' vetturi ta' kwalunkwe xorta u għamla li ma humiex reġistrabbli taħt dawn ir-regolamenti;";

(h) minnufih wara t-tifsira "vettura bil-mutur" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali" tfisser vettura bil-mutur ta' prestiġju, maħsuba sabiex tintuża f'okkażjonijiet speċjali bħal tiġijiet, funerali, riċevimenti, esibizzjonijiet u avvenimenti oħra varji, sabiex twassal numru ristrett ta' persuni sad-daħla ta' knejjes, swali, lukandi, mużewijiet u siti oħra fejn jiġu organizzati tali avvenimenti;".

3. Il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

"(a) liċenzji ta' operatur; jew".

4. Fit-titolu tat-Taqsima II tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "LIĊENZJA TA' OPERATUR" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "LIĊENZJI TA' OPERATUR".

Jemenda t-titolu tat-Taqsima II tar-regolamenti prinċipali

B 1818

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-Awtorità għandha toħroġ il-liċenzja ta' operatur applikabbli lil kull persuna fiżika jew impriża li toffri servizz ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar u li tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u rekwiżiti oħra li l-Awtorità tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien.";

(b) is-subregolament (3) għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Għandu jkun hemm tliet (3) liċenzji ta' operaturi differenti maħruġa mill-Awtorità, il-liċenzja ta' operatur LPTV1, il-liċenzja ta' operatur LPTV2, u l-liċenzja ta' operatur SOV u dawn il-liċenzji għandhom jinħarġu skont il-karatteristiċi tal-applikanti u tali applikanti għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe rekwiżiti oħra li l-Awtorità tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien sabiex tirregola l-operat tal-operaturi li huma liċenzjati b'dawn it-tliet (3) liċenzji, kif ġej:

(a) fil-każ tal-liċenzja ta' operatur LPTV1, l-applikanti jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew impriżi li huma intenzjonati li joperaw flotta sa massimu ta' erba' (4) vetturi żgħar u tali applikanti għandhom jissottomettu applikazzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolament 7 u fil-każ ta' applikazzjoni għat-tiġdid, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-subregolament (4)(a), (b), (ċ) u (e);

(b) fil-każ tal-liċenzja ta' operatur LPTV2, l-applikanti jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew impriżi li biħsiebhom joperaw flotta ta' mhux anqas minn ħames (5) vetturi żgħar, u tali applikanti għandhom jissottomettu applikazzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolament 7A u fil-każ ta' applikazzjoni għat-tiġdid, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tas-subregolament (4):

Iżda l-liċenzja applikabbli ta' operatur għandha tinħareġ f'isem persuna fiżika awtorizzata sabiex tirrappreżenta l-impriża inkwantu tali applikant ikun impriża, u tista', flimkien mal-ħlas stabbilit fl-Ewwel Skeda, tiġi trasferita bil-kunsens u l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Awtorità, lil kwalunkwe persuna oħra li tissodisfa l-kriterji stabbiliti bil-liġi għall-ħruġ tal-liċenzja applikabbli u li jkollha awtorizzazzjoni valida mill-impriża rilevanti:

Iżda wkoll fi kwalunkwe każ, persuna fiżika jew il-persuna fiżika awtorizzata li f'isimha tinħareġ il-liċenzja tal-operatur għan-nom tal-impriża, kif ukoll is-sid benefiċjarju ta' impriża, ma għandu jkollhom l-ebda involviment jew interess ta' parteċipazzjoni f'aktar minn impriża waħda (1) liċenzjata skont dawn ir-regolamenti bħala operatur ta' servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri bil-vettura, u għaldaqstant ma jistgħux jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda (1) ġdida għal kwalunkwe liċenzja maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, jew aktar minn applikazzjoni waħda (1) rilevanti fi kwalunkwe sena għat-tiġdid taħt dawn ir-regolamenti;

(ċ) fil-każ tal-liċenzja ta' operatur SOV, l-applikanti jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew impriżi li biħsiebhom joperaw flotta ta' vetturi bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali, u tali applikanti għandhom jissottomettu applikazzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolament 7B u fil-każ ta' applikazzjoni għat-tiġdid, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tas-subregolament (4):

Iżda l-liċenzja applikabbli ta' operatur għandha tinħareġ f'isem persuna fiżika awtorizzata sabiex tirrappreżenta l-impriża inkwantu tali applikant huwa impriża u tista', flimkien mal-ħlas stabbilit fl-Ewwel Skeda, tiġi trasferita bil-kunsens u l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Awtorità lil kwalunkwe persuna oħra li tissodisfa l-kriterji stabbiliti bil-liġi għall-ħruġ tal-liċenzja applikabbli u li jkollha awtorizzazzjoni valida mill-impriża rilevanti:

B 1820

Iżda wkoll fi kwalunkwe każ, persuna fiżika jew il-persuna fiżika awtorizzata li f'isimha tinħareġ il-liċenzja tal-operatur għan-nom tal-impriża kif ukoll is-sid benefiċjarju ta' impriża, ma għandu jkollhom l-ebda involviment jew interess ta' parteċipazzjoni f'aktar minn impriża waħda (1) liċenzjata skont dawn ir-regolamenti bħala operatur ta' servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri bil-vettura, u għaldaqstant ma għandhomx jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda (1) ġdida għal kwalunkwe liċenzja maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, jew aktar minn applikazzjoni waħda (1) rilevanti fis-sena għal tiġdid taħt dawn ir-regolamenti.";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mid-Direttur, Dipartiment tal-Ġustizzja, fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-ġustizzja skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta li jew ikun fih dikjarazzjoni li turi li l-operatur huwa ta' kondotta tajba, jew dikjarazzjoni li jkun hemm imniżżel fiha l-kundanni ta' tali persuna minn kwalunkwe qorti tal-ġustizzja, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, u li huma rreġistrati skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta;";

Kap. 77.

(ii) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

- il-kliem "liċenzja ta' operatur li jirreġistra anqas minn ħames (5) vetturi bil-mutur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "liċenzja ta' operatur LPTV1";

- fil-proviso tiegħu l-kliem "mill-ħruġ tal-liċenzja." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-ħruġ tal-liċenzja:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll id-detentur ta' liċenzja ta' operatur LPTV1 għandu jkun soġġett għall-applikazzjoni ta' tiġdid fi żmien xahar (1) qabel l-iskadenza ta' sentejn (2) mid-data tal-ħruġ tal-

imsemmija liċenzja, u sussegwentement kull sentejn (2) diment li l-operatur jibqa' kopert minn kuntratt ta' kiri jew kwalunkwe titolu validu ieħor skont l-ewwel proviso fir-rigward tal-garaxx;";

(iii) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "liċenzja ta' operatur li jirreġistra ħames (5) vetturi bil-mutur jew aktar" għandom jiġu sostitwiti bil-kliem "liċenzja ta' operatur LPTV 2 u SOV";

(iv) fil-paragrafu (e) tiegħu l-kliem "tar-regolament 9." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tar-regolament 9;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) ċertifikat ta' konformità mill-korporazzjoni Jobsplus li jiċċertifika li kull persuna li hija impjegata taħt il-liċenzja tal-operatur hija validament impjegata skont il-liġijiet rilevanti.";

(d) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Id-dokumenti msemmija fis-subregolament (4) ma għandhomx jiġu aċċettati mill-Awtorità jekk jiġu sottomessi fil-proċess ta' tiġdid wara tliet (3) xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom.".

6. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (1) tiegħu l-kliem "għal-liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal kwalunkwe liċenzja ta' operatur";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "għal liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal kwalunkwe liċenzja ta' operatur";

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "għal-liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal kwalunkwe liċenzja ta' operatur";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "għal-liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal

kwalunkwe liċenzja ta' operatur";

(iii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "għal-liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għal kwalunkwe liċenzja ta' operatur";

(d) fis-subregolament (6) tiegħu l-kliem "jkollha liċenzja ta' operatur" għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "jkollha kwalunkwe mil-liċenzji ta' operatur".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bin-nota marġinali ġdida li ġejja:

"Applikazzjoni għal liċenzja ta' operatur LPTV1";

(b) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "liċenzja ta' operatur LPTV1";

(ii) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

- il-kliem "fil-każ ta' applikazzjoni ta' liċenzja ta' operatur li jirreġistra anqas minn ħames (5) vetturi bil-mutur," għandhom jiġu mħassra;

- fil-proviso tiegħu l-kliem "faċilità deskritta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "garaxx deskritt", kull fejn jokkorru;

(iii) is-subparagrafu (e) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "liċenzja ta' operatur LPTV1";

(ii) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-applikant għal-liċenzja ta' operatur LPTV1 ikollu aktar minn garaxx wieħed (1), id-dritt tal-applikazzjoni għandu madankollu jkun kif stipulat

fl-Ewwel Skeda għall-garaxxijiet kollha.";

(d) fis-subregolament (5) tiegħu l-kliem "liċenzja għal servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri b'vetturi żgħar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "liċenzja ta' operatur LPTV1 għal servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar".

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

8. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, kif emendat, għandhom jiġu miżjuda r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Applikazzjoni għal liċenzja ta' operatur LPTV2.

7A. (1) L-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja ta' operatur LPTV2 għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità f'tali forma u li jkun fiha tali dettalji li jistgħu jkunu meħtieġa mill-Awtorità minn żmien għal żmien, u għandha tkun akkumpanjata minn:

(a) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mid-Direttur, Dipartiment tal-Ġustizzja, fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-ġustizzja skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta li jew ikun fih dikjarazzjoni li turi li l-applikant u, jew il-persuna msemmija fir-regolament 6(2) u, jew (3) hija ta' kondotta tajba, jew dikjarazzjoni li jkun fiha indikazzjoni tal-kundanni tal-persuna minn kwalunkwe qorti tal-ġustizzja, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, u li huma reġistrabbli skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta:

Kap. 77.

Iżda jekk l-applikant u, jew il-persuni msemmija fir-regolament 6(2) u, jew (3) ma jkunux normalment residenti f'Malta għandu jkun suffiċjenti jekk jipprovdu estratt bil-postilla mir-rekord ġudizzjarju tagħhom jew, dokument bil-postilla ekwivalenti maħruġ mill-awtorità kompetenti ġudizzjarja jew amministrattiva tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom jew il-pajjiż li fih ikunu residenti;

(b) id-dettalji tan-numru u l-klassi jew deskrizzjoni ta' kull vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri intiża sabiex tintuża fin-negozju tal-ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar jew fin-negozju propost. Tali vetturi msemmija għandhom jiġu reġistrti mal-Awtorità;

(ċ) dikjarazzjoni li l-applikant għandu għad-dispożizzjoni, għall-użu esklussiv tiegħu, garaxx indikat fil-liċenzja tiegħu li jkun ta' daqs suffiċjenti sabiex jakkomoda l-vetturi kollha rreġistrati taħt il-liċenzja tiegħu, filwaqt li jiżgura li kull vettura tkun tista' tidħol u toħroġ mill-garaxx mingħajr il-ħtieġa li tiġi mressqa vettura oħra. L-applikant għandu wkoll jikkommetti ruħu mal-Awtorità li matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja tiegħu, il-vetturi kollha reġistrati taħtha għandhom, meta ma jkunux qed jintużaw għall-iskop ta' provvista ta' servizzi, u ħlief kif provdut fir-regolament 17, ikunu pparkjati fil-garaxx hekk indikat mill-applikant:

Iżda jekk l-applikant jiddikjara li t-titolu li taħtu qiegħed jagħmel użu esklussiv mill-garaxx deskritt skont dan il-paragrafu ma huwiex titolu ta' sjieda assoluta, l-applikant għandu jipprovdi wkoll dikjarazzjoni ffirmata mis-sid u, jew kwalunkwe kompropretarju fejn jiddikjaraw li qegħdin jawtorizzaw lill-applikant igawdi l-użu esklussiv tal-garaxx għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax (12)-il xahar mill-ħruġ tal-liċenzja;

(d) rapport iffirmat minn perit bil-warrant fir-rigward ta' kull garaxx elenkat fil-liċenzja ta' operatur li għandu:

(i) jinkludi l-indirizzi u l-pjanti tas-sit ta' kull garaxx elenkat;

(ii) jinkludi dikjarazzjoni li l-applikant għandu għad-dispożizzjoni tiegħu l-użu esklussiv tal-garaxx elenkat fil-liċenzja u jispeċifika taħt liema titolu qiegħed jagħmel użu esklussiv mill-garaxx elenkat;

(iii) jinkludi l-indirizz taċ-ċentru tal-operat tal-applikant;

(iv) jispeċifika n-numru totali ta' spazji ta' parkeġġ ta' vetturi f'kull garaxx elenkat;

(v) jiċċertifika li kull garaxx imsemmi huwa ta' daqs suffiċjenti sabiex jakkomoda l-vetturi kollha rreġistrati taħt il-liċenzja tiegħu; u

(vi) jipprovdi l-permess relattiv li japprova l-użu tal-garaxx li fih għandhom jiġu pparkjati l-vetturi, bħala garaxx għas-servizz pubbliku u jinkludi d-dettalji ta' kwalunkwe tali permess:

Iżda l-Awtorità dejjem tirriżerva d-dritt li tibgħat perit tagħha sabiex jivverifika l-korrettezza tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant fl-applikazzjoni tiegħu u l-applikant ma għandu bl-ebda mod jostakola l-aċċess għall-uffiċjali tal-Awtorità meta dawn ikunu qiegħdin iwettqu spezzjonijiet għall-għarrieda fuq is-siti indikati bħala garaxxijiet, u jew f'ċentru tal-operat tal-applikant, skont il-każ;

(e) ċertifikat ta' konformità fiskali maħruġ mill-Kummissarju li jikkonferma li l-applikant ikkonforma mal-obbligi tat-taxxa fuq l-income applikabbli skont l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u tat-taxxa fuq il-valur miżjud skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u mal-obbligi taħt ir-regoli dwar il-*Final Settlement System (FSS)* skont ir-Regoli dwar *Final Settlement System (FSS)* fis-sena finanzjarja minnufih preċedenti d-data tal-applikazzjoni u, jew tat-tiġdid, kif jista' jkun applikabbli:

Kap. 123.

Kap. 406.

L.S. 372.14.

Iżda l-Awtorità tista' taċċetta ftehim ta' ħlas debitament approvat mill-Kummissarju f'tali każijiet fejn iċ-ċertifikati ta' konformità tat-taxxa ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti mill-applikant; u

(f) dikjarazzjoni ffirmata minn accountant u, jew awditur bil-warrant li turi s-sitwazzjoni finanzjarja tajba tal-applikant.

(2) Id-dokumenti preskritti fis-subregolament (1)(a) ma għandhomx jiġu aċċettati jekk jiġu sottomessi aktar tard minn tliet (3) xhur mid-data tal-ħruġ.

(3) L-Awtorità tista' teħtieġ lill-applikant jissottometti d-dettalji kollha relatati mal-applikazzjoni msemmija fis-subregolament (1) f'dikjarazzjoni formali jew f'affidavit ġuramentat, kif speċifikat mill-Awtorità.

(4) L-applikazzjoni għall-għoti ta' liċenzja ta' operatur LPTV2 għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas tad-dritt stipulat fl-Ewwel Skeda:

Iżda meta l-applikant għal liċenzja ta' operatur LPTV2 ikollu aktar minn garaxx wieħed (1), id-dritt tal-applikazzjoni għandu madankollu jkun kif stipulat fl-Ewwel Skeda għall-garaxxijiet kollha.

(5) F'każ li l-operatur, minbarra liċenzja ta' operatur LPTV2 għal servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar maħruġa skont it-Taqsima II, ikollu wkoll liċenzja għall-kiri ta' vetturi maħruġa skont it-Taqsima V, huwa jkun obbligat li jħallas il-ħlas relattiv għaż-żewġ liċenzji.

Applikazzjoni għal liċenzja ta' operatur SOV.

7B. (1) L-applikazzjoni għall-għoti ta' liċenzja ta' operatur SOV għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità u għandha tkun f'tali forma u jkun fiha tali dettalji kif jistgħu jkunu meħtieġa mill-Awtorità minn żmien għal żmien u għandha tiġi sottomessa flimkien ma':

(a) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mid-Direttur, Dipartiment tal-Ġustizzja, fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-ġustizzja skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta li jew ikun fih dikjarazzjoni li turi li l-applikant u, jew il-persuna msemmija fir-regolament 6(2) u, jew (3) hija ta' kondotta tajba, jew dikjarazzjoni li jkun fiha indikazzjoni tal-kundanni tal-istess persuna minn kwalunkwe qorti tal-ġustizzja, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, u li huma reġistrabbli skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta:

Kap. 77.

Iżda jekk l-applikant u, jew il-persuni msemmija fir-regolament 6(2) u, jew (3) ma jkunux normalment residenti f'Malta għandu jkun suffiċjenti jekk jipprovdu estratt bil-postilla mir-rekord ġudizzjarju tagħhom jew, dokument bil-postilla ekwivalenti maħruġ mill-awtorità kompetenti ġudizzjarja jew amministrattiva tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom jew il-pajjiż li minnu jkunu ġejjin;

(b) id-dettalji tan-numru u l-klassi jew deskrizzjoni ta' kull vettura bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali intiżi sabiex jintużaw fin-negozju tal-ġarr ta' passiġġieri għall-okkażjonijiet speċjali. Tali vetturi għandhom jiġu reġistrati mal-Awtorità;

(ċ) dikjarazzjoni li l-applikant għandu għad-dispożizzjoni għall-użu esklussiv tiegħu garaxx indikat fuq il-liċenzja tiegħu, li jkun ta' daqs suffiċjenti sabiex fih jakkomoda l-ipparkjar tal-vetturi kollha rreġistrati taħt il-liċenzja tiegħu, b'mod illi kull vettura tkun tista' tidħol u toħroġ mill-garaxx mingħajr il-ħtieġa li tiġi mressqa xi vettura oħra. L-applikant għandu wkoll jikkometti ruħu mal-Awtorità li matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja tiegħu, il-vetturi kollha reġistrati taħt il-liċenzja tiegħu għandhom, meta ma jkunux qed jintużaw għall-provvista ta' servizzi, u ħlief kif provdut fir-regolament 17, ikunu pparkjati fil-garaxx hekk elenkat mill-applikant:

Iżda fejn tali applikant jiddikjara li ma għandux sjieda assoluta tal-garaxx elenkat f'dan il-paragrafu, l-imsemmi applikant għandu jipprovdi wkoll dikjarazzjoni ffirmata mis-sid u, jew kwalunkwe komproprjetarju, fejn jiddikjaraw li qegħdin jawtorizzaw lill-applikant igawdi l-użu esklussiv tal-garaxx elenkat għal perjodu ta' mhux inqas minn tnax (12)-il xahar mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja;

(d) rapport iffirmat minn perit bil-warrant fir-rigward ta' kull garaxx elenkat fl-applikazzjoni tal-applikant għal-liċenzja ta' operatur li għandu:

(i) jinkludi l-indirizzi u l-pjanti tas-sit ta' kull garaxx elenkat;

(ii) jinkludi dikjarazzjoni li l-applikant għandu għad-dispożizzjoni tiegħu l-użu esklussiv tal-garaxx indikat fuq il-liċenzja u jispeċifika taħt liema titolu qiegħed jagħmel tali użu esklussiv mill-garaxx elenkat;

(iii) jinkludi l-indirizz taċ-ċentru tal-operat tal-applikant;

(iv) jispeċifika n-numru totali ta' spazji ta' vetturi f'kull garaxx elenkat;

(v) jiċċertifika li kull garaxx elenkat huwa ta' daqs suffiċjenti sabiex jakkomoda l-ipparkjar tal-vetturi kollha reġistrati taħt il-liċenzja tiegħu; u

(vi) jipprovdi l-permess relattiv li japprova l-użu tal-garaxx li fih għandhom jiġu pparkjati l-vetturi, bħala garaxx għas-servizz pubbliku u jipprovdi d-dettalji ta' kwalunkwe tali permess:

Iżda jekk l-applikant jiddikjara li ma għandux sjieda assoluta tal-garaxx deskritt skont is-subparagrafi (i) u (ii), l-applikant għandu jipprovdi wkoll dikjarazzjoni ffirmata mis-sid u, jew kwalunkwe kompropretarju, fejn jiddikjaraw li qegħdin jawtorizzaw lill-applikant igawdi l-użu esklussiv tal-garaxx għal perjodu ta' mhux inqas minn tnax (12)-il xahar mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja;

Iżda wkoll applikant għal liċenzja ta' operatur SOV li japplika sabiex jirreġistra u, jew iġedded erba' (4) vetturi għal okkażjonijiet speċjali jew inqas taħt il-liċenzja tiegħu ma għandux ikun meħtieġ li jippreżenta d-dokumentazzjoni deskritta fis-subparagrafu (vi):

Iżda wkoll l-applikant għal liċenzja ta' operatur SOV li jeċċedi n-numru massimu ta' vetturi għal okkażjonijiet speċjali stabbilit fil-proviso preċedenti, għandu jkun obbligat biss li jissottometti prova tal-użu esklussiv tiegħu ta' garaxx li jikkonforma mal-ispeċifikazjonijiet tas-subparagrafu (vi) fir-rigward ta' dawk il-vetturi li jeċċedu l-limitu ta' erba' (4) vetturi għal okkażjonijiet speċjali:

Iżda wkoll l-Awtorità tirriżerva d-dritt li tibgħat perit tagħha sabiex jivverifika l-korrettezza tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant fl-applikazzjoni tiegħu u l-applikant ma għandu bl-ebda mod jostakola l-aċċess għall-uffiċjali tal-Awtorità meta dawn ikunu qegħdin iwettqu spezzjonijiet għall-għarrieda fuq is-siti indikati bħala garaxxijiet, u jew ċentru tal-operat tal-applikant, skont il-każ.

(2) Id-dokumenti preskritti fis-subregolament (1)(a) ma għandhomx jiġu aċċettati jekk jiġu prodotti wara tliet (3) xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom.

(3) L-Awtorità tista' teħtieġ lill-applikant jissottometti d-dettalji kollha relatati mal-applikazzjoni msemmija fis-subregolament (1) f'dikjarazzjoni formali jew f'affidavit ġuramentat, kif speċifikat mill-Awtorità.

(4) Applikazzjoni għall-għoti ta' liċenzja ta' operatur SOV għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas tad-dritt stipulat fl-Ewwel Skeda:

Iżda meta l-applikant ikollu aktar minn garaxx wieħed (1), id-dritt tal-applikazzjoni għandu madankollu jkun kif stipulat fl-Ewwel Skeda għall-garaxxijiet kollha.

(5) Il-ħruġ ta' liċenzja ta' operatur SOV mill-Awtorità awtomatikament jeskludi lil tali operatur milli jirreġistra l-vetturi bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali tiegħu fuq, u, jew bi kwalunkwe mod iqiegħed is-servizzi tiegħu għad-dispożizzjoni ta' kwalunkwe pjattaforma intermedjarja ta' prenotazzjoni awtorizzata sabiex toffri servizzi globalizzati bl-internet għall-forniment ta' servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu l-kliem "liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kwalunkwe liċenzja ta' operatur";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "l-liċenzja ta' operatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kwalunkwe liċenzja ta' operatur".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "fl-Ewwel Skeda." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Ewwel Skeda:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta operatur li għandu liċenzja ta' operatur jitlob sabiex iżid in-numru tal-vetturi fuq il-liċenzja tiegħu, liema talba jekk tiġi approvata mill-Awtorità, tirriżulta f'bidla fil-liċenzja ta' operatur tiegħu minn LPTV1 għal LPTV2, tali operatur għandu jkun obbligat li jissottometti applikazzjoni ġdida għal liċenzja ta' operatur LPTV2, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7A, kif applikabbli, u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li huma applikabbli għall-operatur li jkollu liċenzja ta' operatur LPTV2:

Iżda wkoll meta operatur inaqqas in-numru tal-vetturi fuq il-liċenzja tiegħu b'tali mod li l-liċenzja ta' operatur tiegħu tinbidel minn LPTV2 għal LPTV1, il-liċenzja ta' operatur tiegħu għandha tiġi mibdula awtomatikament mingħajr il-ħtieġa li jissottometti applikazzjoni ġdida. F'kull każ, l-operatur għandu jkun awtomatikament obbligat li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li huma applikabbli għal-liċenzja ta' operatur li huwa jkollu.".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

11. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-operatur għandu jiżgura li kwalunkwe vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri użata fl-operazzjonijiet tiegħu skont il-liċenzja ta' operatur tiegħu għandha, waqt li ma tkunx qed tintuża tiġi garaxxjata fil-garaxx deskritt fil-liċenzja tiegħu:

Iżda vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri li ma tkunx qiegħda tintuża, iżda li tkun qiegħda tinstaq minn xufier li jkun disponibbli sabiex jiġi bbukkjat għall-kiri matul il-ħin tax-xogħol jew ix-xift tiegħu, jew li tkun ipparkjata skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), ma għandhiex tkun meħtieġa li tiġi garaxxjata:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament ma għandhomx japplikaw għal vettura bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali li tkun ipparkjata quddiem jew viċin xi post li fih tkun għaddejja okkażjoni speċjali, sakemm ix-xufier ikun ġo l-imsemmija vettura jew fil-viċinanza immedjata tagħha:

Iżda wkoll il-vettura bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali li titħalla waħidha pparkjata mix-xufier, ma għandhiex titħalla hekk ipparkjata fit-triq għal aktar minn mija u tmenin (180) minuta.";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "diska tal-parkeġġ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "diska tal-

parkeġġ awtorizzata", kull fejn jokkorru;

(ii) fit-tieni proviso tiegħu l-kliem "għandu jibqa' japplika." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandu jibqa' japplika:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll it-terminu ta' żmien provdut fil-paragrafu (a) għandu jiġi estiż għal sagħtejn (2) sa fejn il-vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri reġistrata taħt il-liċenzja ta' operatur LPTV1 jew liċenzja ta' operatur LPTV2, kif jista' jkun applikabbli, tkun ipparkjata legalment fit-triq bejn il-ħinijiet ta' 05:01AM u 16:59PM:

Iżda wkoll fir-rigward biss ta' operaturi ta' liċenzja SOV, id-distanza pprovduta fil-paragrafu (b) ma għandhiex tapplika, iżda għandha tapplika minflok distanza ta' linja dritta ta' mhux inqas minn mitt (100) metru minn dawk il-vened tat-taxi li jinsabu fil-postijiet elenkati fil-paragrafu (b).";

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu l-kliem "faċilitajiet tal-iggaraxxjar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "garaxxijiet", kull fejn jokkorru;

(d) fis-subregolament (5) tiegħu l-kliem "faċilitajiet tal-iggaraxxjar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "garaxxijiet", kull fejn jokkorru;

(e) fis-subregolament (6) tiegħu l-kliem "skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7(1)(d) u (e)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 7, 7A jew 7B, skont il-każ,";

(f) minnufih wara s-subregolament (6) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Kwalunkwe ksur ta' dan ir-regolament għandu jkun soġġett għall-penali amministrattivi stabbiliti fir-Raba' Skeda u l-kontravvenzjonijiet stabbiliti fil-Ħames Skeda.".

Jemenda r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

12. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Kull operatur li jkollu liċenzja LPTV2 li jkollu aktar minn ħamsin (50) vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri rreġistrata taħt il-liċenzja rispettiva tal-operat, għandu jkollu fil-flotta tiegħu mill-inqas vettura waħda (1) żgħira għall-ġarr ta'

passiġġieri li tkun aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti għal kull ħamsin (50) vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri fil-flotta tiegħu.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

13. Minnufih wara r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali, kif emendat, għandu jiġi miżjud r-regolament ġdid li ġej:

"Obbligi minimi ta' mistrieħ għax-xufiera.

37A. (1) Il-perjodu kontinwu ta' sewqan bi ħlas għandu jinftiehem bħala l-perjodu ta' ħin bejn il-mument fejn ix-xufier jaċċessa l-applikazzjoni tal-mobile tas-servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni u jindika li sejjer jibda l-ewwel vjaġġ tiegħu f'dik il-ġurnata, sal-mument fejn ix-xufier jiskonnetja mill-applikazzjoni tal-mobile tas-servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni wara li jikkompleta l-aħħar vjaġġ tiegħu, wara li debitament jitnaqqsu kwalunkwe perjodi ta' mistrieħ li jkunu ġew indikati b'mod validu permezz tal-funzjoni appożita mill-applikazzjoni tal-mobile tas-servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni:

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament, għandu jkun suffiċjenti li l-Awtorità tipprova li x-xufier aċċessa, u jew skonnetja mill-applikazzjoni tal-mobile tas-servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni f'Malta, mill-informazzjoni f'ħin reali maqbuda fuq is-sistema ta' monitoraġġ u infurzar online tagħha:

(2) Kull xufier għandu l-obbligu li josserva perjodu ta' mistrieħ minimu ta' tmien (8) sigħat konsekuttivi bejn it-tmiem ta' perjodu kontinwu ta' sewqan bi ħlas wieħed (1) u l-bidu ta' perjodu kontinwu ta' sewqan bi ħlas ieħor:

Iżda perjodu kontinwu ta' sewqan bi ħlas ma għandux jeċċedi tnax (12)-il siegħa konsekuttivi.

(3) Kull xufier għandu l-obbligu li jieħu perjodu ta' mistrieħ meta l-perjodu kontinwu ta' sewqan bi ħlas ikun itwal minn sitt (6) sigħat. Il-perjodu ta' mistrieħ tax-xufiera għandu jkun għal perjodu ta' mhux inqas minn tletin (30) minuta għal kull sitt (6) sigħat ta' sewqan konsekuttivi b'kiri jew kumpens, u x-xufier għandu jqatta' dak il-perjodu barra mill-vettura, kemm-il darba tali vettura tkun tista' tiġi pparkjata b'mod leċitu u sikur.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2) u (3), kull xufier għandu josserva wkoll, b'żjieda mal-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum imsemmi fis-subregolament (2), il-perjodu minimu mhux interrot ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa kull ġimgħa f'kull perjodu ta' sebat (7) ijiem.

(5) L-Awtorità għandu jkollha l-jedd li titlob lid-detentur ta' awtorizzazzjoni li jaġixxi bħala pjattaforma intermedjarja għas-servizz ta' prenotazzjoni sabiex jissospendi jew jinterrompi l-aċċess ta' xufier għall-applikazzjoni tal-mobile rilevanti, jekk l-Awtorità ssib li tali xufier mhux qiegħed jikkonforma ma' kwalunkwe mill-obbligi minimi ta' mistrieħ imposti skont dawn ir-regolamenti.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (5), kwalunkwe persuna fiżika jew impriża li għandha liċenzja ta' operatur maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandha tinstab ħatja ta' reat taħt ir-regolament 67 u għandha teħel dawk il-pieni indikati fl-istess regolament 67 jekk jinstab li hija jew ix-xufiera abbinati mal-liċenzja tagħha ikunu, minkejja t-twissija bil-miktub maħruġa lil tali operatur, jew ix-xufier, naqsu milli josservaw dawn il-perjodi ta' mistrieħ minimi b'mod ripetut u, jew sistematiku b'detriment għas-saħħa, sigurtà u benesseri tal-istess xufiera u terzi persuni.".

Jemenda r-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali.

14. Ir-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "Tielet Skeda; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Tielet Skeda;";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "il-paragrafu preċedenti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-paragrafu preċedenti; u";

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, kif

emendat, għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) jipprovdi prova li kien qed isuq bis-saħħa ta' liċenzja valida tal-Kategorija B maħruġa jew mibdula skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur għal mill-inqas sentejn (2), u li fil-mument li l-persuna ġiet tapplika għall-permess ta' xufier, il-Qorti tal-Maġistrati, jew il-Kummissarji tal-Ġustizzja, skont il-każ, ma jkunux imponew aktar minn sitt (6) punti ta' penali fuq il-liċenzja tiegħu skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tas-Sitt Skeda tar-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur.";

L.S. 65.18.

(b) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subregolament (1).".

Jemenda r-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali.

15. Ir-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "ċertifikat mediku; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ċertifikat mediku;";

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "ir-regolament 40." għandhom jiġu mħassra u sostitwiti bil-kliem "ir-regolament 40;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) fil-każ ta' xufier li huwa ċittadin ta' pajjiż terz, veri kopji attestati tal-liċenzja tal-impjieg u l-permess ta' residenza, inkluż imma mhux limitat għal permess uniku, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li jirrisjedu legalment f'Malta maħruġa mill-Aġenzija Identità Malta stabbilita mill-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta u awtorizzata mid-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni sabiex tipproċessa u toħroġ tali permessi;

L.S. 217.17.

L.S. 595.07.

(f) fil-każ li x-xufier huwa impjegat ma' detentur ta' kwalunkwe liċenzja ta' operatur għall-provvista ta' servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar maħruġa taħt dawn ir-regolamenti, id-dettalji rigward tali operatur li jimpjegah;

(g) dikjarazzjoni rigward il-kondizzjonijiet tal-impjieg li fiha x-xufier jindika jekk jaħdimx full-time jew part-time, is-sigħat normali tax-xogħol, bl-esklużjoni tas-sahra, u l-kondizzjonijiet tas-sahra stipulati fil-kuntratt tal-impjieg:

Iżda fil-każ ta' xufier li huwa ċittadin ta' pajjiż terz, u li jindika fid-dikjarazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu li qiegħed jaħdem fuq bażi part-time, għandu jipprovdi wkoll lill-Awtorità vera kopja attestata tal-liċenzja ta' impjieg applikabbli maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 tar-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni mill-Korporazzjoni Jobsplus kif stabbilit taħt l-artikolu 5 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ.".

L.S. 217.04.
Kap. 594.

16. Ir-regolament 56 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 56 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fir-subregolament (1) tiegħu l-kliem "għandu jkun maqsum f'Parti I, Parti II, Parti III, Parti IV u Parti V" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandu jkun maqsum f'Parti I, Parti II, Parti III, Parti IV, Parti V u Parti VI";

(b) minnufih wara s-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Fil-Parti VI tar-Reġistru għandu jiġi reġistrat l-isem, l-indirizz u d-dettalji l-oħra rilevanti ta' kull individwu jew impriża li tingħata liċenzja mill-Awtorità sabiex tipprovdi servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri permezz ta' vetturi bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali.".

17. Ir-regolament 57 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid kif ġej:

Jemenda r-regolament 57 tar-regolamenti prinċipali.

"Impjieg ta' xufiera.

57. (1) L-ebda operatur ma għandu jimpjega bħala xufier fi kwalunkwe operat ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar kwalunkwe persuna li ma tkunx reġistrata fil-Parti III tar-Reġistru.

(2) Fil-każ li xufier ma jibqax jaħdem għal rasu u jissieħeb bħala impjegat jew jiġi xort'oħra ingaġġat minn persuna fiżika jew impriża li għandha liċenzja ta' operatur taħt dawn ir-regolamenti, tali operatur għandu jinforma minnufih lill-Awtorità bil-miktub sabiex id-dettalji ta' dak ix-xufier jiġu aġġornati sabiex jirriflettu l-istat attwali tal-impjieg jew ingaġġ tiegħu mal-operatur rilevanti.

(3) Kwalunkwe operatur huwa obbligat li jinforma lill-Awtorità minnufih bil-miktub jekk huwa jimpjega jew jingaġġa xufier ġdid sabiex l-Awtorità tkun tista' taġġorna r-Reġistru mill-aktar fis possibbli.

(4) Kwalunkwe operatur għandu obbligu li jinforma lill-Awtorità minnufih bil-miktub jekk, għal kwalunkwe raġuni, huwa jwaqqaf l-impjieg jew l-ingaġġ ta' xufier eżistenti sabiex l-Awtorità tkun tista' taġġorna r-Reġistru mill-aktar fis possibbli.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima X, jekk l-Awtorità jkollha suspett raġjonevoli li operatur qiegħed iħaddem xufier fil-flotta tiegħu li ma huwiex impjegat jew ingaġġat skont il-liġi, l-Awtorità għandu jkollha l-jedd li tissospendi l-liċenzja tal-operatur u tordna lil kwalunkwe detentur tal-awtorizzazzjoni li jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni sabiex simultanjament jissospendi r-reġistrazzjoni tiegħu fuq tali pjattaforma, sakemm l-Awtorità tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha bl-għajnuna tad-Direttur Ġenerali responsabbli mill-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali bħala l-uffiċjal kompetenti li huwa mogħti s-setgħat li jirregola kwistjonijiet ta' xogħol u relazzjonijiet industrijali f'Malta skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.".

Kap. 452.

Jemenda r-regolament 58 tar-regolamenti prinċipali.

18. Ir-regolament 58 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Huma biss vetturi reġistrati taħt il-liċenzja ta' operatur ta' servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar, ta' operatur ta' servizz ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali, jew ta' servizzi ta' kiri u leasing ta' vetturi bil-mutur u li huma inklużi fir-Reġistru taħt Sezzjoni 1 jew Sezzjoni 2, skont il-każ, tal-Parti IV tal-imsemmi reġistru, li jistgħu jintużaw għall-ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar, jew ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali, jew li jistgħu jinkrew, skont il-każ:

Iżda vettura ċertifikata bħala vettura vintage li ma tkunx reġistrata taħt il-Parti VI tar-Reġistru bħala vettura bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali ma għandha

tintuża għall-ebda ġarr ta' passiġġieri għal okkażjonijiet speċjali, minkejja li tkun koperta bi kwalunkwe permess temporanju ieħor maħruġ mill-Awtorità:

Iżda wkoll vettura ċertifikata bħala vettura vintage li ma tkunx reġistrata taħt il-Parti VI tar-Reġistru bħala vettura bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali għandu biss jinħarġilha permess temporanju għal finijiet ta' okkażjoni speċjali, jekk l-applikant jipprovdi prova li qiegħed jopera tali vettura bla ħlas għal okkażjoni speċjali ta' dixxendent jew dixxendenti diretti tiegħu fl-ewwel grad.";

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament il-ġdid li ġej:

"(5) Vettura bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali reġistrata taħt il-Parti VI tar-Reġistru għandha tintuża biss fl-operat ta' dak l-operatur speċifiku li taħt il-liċenzja tiegħu tkun reġistrata.".

Jemenda r-regolament 59 tar-regolamenti prinċipali.

19. Ir-regolament 59 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tiegħu l-kliem "vetturi ċertifikati bħala vetturi vintage" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "vetturi bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali inkluż dawk il-vetturi ċertifikati bħala vetturi vintage";

(b) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tiegħu l-kliem "- mhumiex ta' kulur abjad" għandhom jiġu mħassra;

(ċ) l-ewwel proviso tas-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fir-rigward ta' dawk il-vetturi li ma humiex ċertifikati bħala vetturi vintage u li jkollhom aktar minn tnejn u għoxrin sena (22) sena, magħduda mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni, l-Awtorità għandu jkollha l-jedd li tirreġistrahom taħt il-liċenzja tal-operatur SOV bħala vetturi bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali, sakemm dawn jissodisfaw il-kriterji kollha li l-Awtorità tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien sabiex tiddetermina jekk vettura bil-mutur għandhiex titqies prestiġjuża biżżejjed sabiex tidħol fil-kategorija ta' vetturi għal

okkażjonijiet speċjali:

Iżda wkoll tali vetturi għal okkażjonijiet speċjali li għandhom aktar minn tnejn u għoxrin (22) sena, magħduda mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni iżda li ma humiex ċertifikati bħala vetturi vintage u ġew liċenzjati mill-Awtorità abbażi tal-proviso preċedenti għandhom jintużaw biss għall-iskopijiet permessi mil-liċenzja għall-vetturi bil-mutur għal okkażjonijiet speċjali.".

Jemenda r-regolament 65 tar-regolamenti prinċipali.

20. Is-subregolament (5) tar-regolament 65 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) L-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ f'isem l-impriża li tkun issottomettiet l-applikazzjoni u għandha tiġi mġedda kull sentejn (2), kif soġġetta għall-ħlas tat-tariffa annwali ta' awtorizzazzjoni fl-Ewwel Skeda, sakemm u diment li ma tkunx revokata, sospiża jew ċeduta:

Iżda minkejja l-perjodu ta' tiġdid preskritt fit-termini tas-subregolament (5), il-ħlas tat-tariffa ta' awtorizzazzjoni preskritta fl-Ewwel Skeda għandha titqies għal kull buon fini bħala tariffa annwali indipendenti mit-tiġdid tal-għoti tal-awtorizzazzjoni nnifisha.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

21. Minnufih wara r-regolament 66 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Obbligi tal-pjattaformi ta' prenotazzjoni.

66A. (1) Detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjonijiet għandu jiżviluppa API bi ftehim mal-Awtorità sabiex tiġi integrata mas-sistema ta' monitoraġġ u infurzar onlajn tal-Awtorità, bl-għan li l-Awtorità u l-pjattaforma intermedjarja jkunu jistgħu jittrasferixxu d-data meħtieġa bejniethom b'mod dirett u fil-ħin reali mingħajr xkiel.

(2) Detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni għandu qabel jaċċetta l-ewwel reġistrazzjoni ta' kwalunkwe operatur ta' servizzi għal ġarr ta' passiġġieri b'vettura żgħira fuq is-sistema tiegħu sew jekk huwa operatur li jaħdem għar-rasu jew jingaġġa jew jimpjega flotta ta' vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri, għandu jwettaq eżerċizzju ta' diliġenza dovuta fuq tali operaturi. F'dan l-eżerċizju għandhom jinġabru:

(a) id-dettalji bażiċi rigward l-operatur inkluż in-numru tal-karta tal-identità tiegħu u ritratt ċar u riċenti li b'mod ċar juri l-fattizzi kollha tal-wiċċ tal-operatur;

(b) id-dettalji meħtieġa sabiex l-impriża tiġi identifikata fir-reġistru tal-kumpaniji jew ir-reġistru tal-persuni ġuridiċi f'Malta, jekk applikabbli;

(ċ) in-numru tal-VAT tal-operatur;

(d) id-dettalji rigward il-liċenzja tal-operatur maħruġa mill-Awtorità, inkluż id-data tal-ħruġ u skadenza tal-liċenzja u kopja elettronika ta' tali liċenzja;

(e) id-dettalji tal-kuntatt tal-operatur, inkluż in-numru tal-mobile, l-indirizz postali uffiċjali, u l-indirizz tal-email;

(f) id-dettalji rigward il-liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorità jew valida fl-Unjoni Ewropea, il-permess ta' xufier u l-liċenzja tal-vettura relattiva għall-operatur jekk huwa jaħdem għal rasu u huwa l-unika xufier;

(g) fil-każ li l-operatur jopera flotta għall-ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar u jimpjega diversi xufiera:

(i) id-dettalji elenkati fil-paragrafi (a) sa (f) relattivi għal kull vettura u xufier reġistrati taħt il-liċenzja tal-operatur tiegħu, jekk applikabbli;

(ii) id-dettalji tan-numru tal-Permission to Employ (PE) u d-dokument rigward l-Employment History Document maħruġ mill-Aġenzija Jobsplus għal kull xufier impjegat mal-operatur;

(iii) il-kopja elettronika taċ-ċertifikat tal-kondotta maħruġ riċentament mid-Direttur, Dipartiment tal-Ġustizzja, fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-ġustizzja skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta li jkun fiha dikjarazzjoni li l-impjegat jew operatur, skont il-każ, huwa ta' kondotta tajba jew dikjarazzjoni li jkun fiha indikazzjoni tal-kundanni mogħtija tal-istess persuna minn kwalunkwe qorti f'Malta jew barra minn Malta u li huma reġistrabbli skont l-istess Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta għal kull xufier impjegat miegħu u l-istess ċertifikat tal-kondotta tal-operatur innifsu;

Kap. 77.

(h) fil-każ ta' operatur li joffri servizz għall-ġarr ta' passiġġieri li għandu flotta ta' vetturi żgħar u li jimpjega xufiera li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, id-dettalji tal-permess ta' residenza validu skont ir-Regolament dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li jirrisjedu legalment f'Malta, u kull meta x-xufier ikun ċittadin ta' pajjiż terz, u jkun impjegat fuq bażi part-time, għandu jipprovdi wkoll id-dettalji tal-liċenzja ta' impjieg applikabbli maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 tar-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni mill-Korporazzjoni Jobsplus kif stabbilit taħt l-artikolu 5 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjiegi u Taħriġ:

L.S. 217.17.

L.S. 217.04.

Kap. 594.

(i) fil-każ ta' operatur li joffri servizz għall-ġarr ta' passiġġieri li għandu flotta ta' vetturi żgħar, id-dettalji rigward it-tracking device ta' kull vettura.

(3) Detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni għandu qabel ma jattiva l-profil ta' operatur jew xuffier assoċjat jirreġistra l-vettura ż-żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri assoċjata, jiġbor id-dettalji li ġejjin:

(a) sett reċenti ta' ritratti tal-vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri minn diversi angoli;

(b) il-liċenzja tat-triq valida tal-vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri;

(ċ) prova taċ-ċertifikat sħiħ tal-kit tas-sigurtà;

(d) sticker valida ta' aċċess tal-ajruport, fejn applikabbli;

(e) l-ewwel parti taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-logbook tal-vettura.

(4) Detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni għandu jżomm id-dettalji miġbura fil-proċess ta' diliġenza dovuta aġġornata billi jitlob lill-operaturi jikkonfermaw il-validità tagħhom minn żmien għall-żmien, iżda tali konferma għandha ssir għall-anqas darba f'sena kalendarja. Dawn id-dettalji għandhom ikunu aċċessibbli għall-awditjar perjodiku mill-Awtorità, li għandha d-dritt li teżamina u tirrevedi dawn id-dettalji permezz ta' talba bil-miktub magħmula mhux anqas minn sebat (7) ijiem qabel id-data tal-aċċess.

(5) Detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni ma għandux jaċċetta r-reġistrazzjoni ta' operatur waħdu, operatur ta' flotta, jew xufier li jopera servizzi għall-ġarr ta' passiġġieri għal okkażjonijiet speċjali u detenturi ta' liċenzji regolati skont ir-Regolamenti dwar Servizz tat-Taxis:

L.S. 499. 59.

Iżda għall-finijiet tar-regolament (5) l-Awtorità għandha taqsam b'mod perjodiku il-Parti VI tar-Reġistru mad-detenturi ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdu servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni sabiex jippermettu lid-detenturi ta' awtorizzazzjoni li jeskludu dawn l-individwi jew negozji mill-pjattaformi.

(6) Kull meta l-Awtorità tagħmel talba bil-miktub għal data mingħand il-fornitur tas-servizz tal-pjattaforma, il-fornitur għandu jittrasferixxi tali data fil-format preskritt mill-Awtorità fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa minn meta jiġi notifikat bit-talba tal-Awtorità:

Iżda l-fornitur tas-servizz tal-pjattaforma għandu d-dritt jirrifjuta t-talba tal-Awtorità jekk jemmen li t-talba hija bla bżonn, sproporzjonata jew tikser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), kif implimentat fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*. L-Awtorità u d-detentur tal-awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni għandhom jirrikorru għad-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* jekk l-Awtorità ma tirtirax it-talba kkontestata fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa min-notifika tar-rifjut u t-trasferiment tad-data jibqa' pendenti:

Kap. 586.

Iżda wkoll il-fornitur tas-servizz tal-pjattaforma għandu jirrikonoxxi u jaċċetta li l-informazzjoni miġbura mill-Awtorità mingħand il-fornitur tas-servizz tal-pjattaforma tista' tiġi trażmessa b'mod sigur lil entitajiet pubbliċi oħra fi ħdan l-istruttura amministrattiva usa' tal-Gvern ta' Malta li jinkludi, il-Kummissarju, l-Aġenzija Identità Malta stabbilita mill-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta awtoirizzata mid-Direttur għaċ-Ċittadinanza u l-Affarjiet Espatrijati sabiex tittratta l-materji kollha relatati mal-permessi ta' residenza u l-liċenzji tal-impjieg, id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi u l-Korporazzjoni Jobsplus stabbilita bl-artikolu 5 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ.

L.S. 595.07.

Kap. 594.

(7) Kull meta l-Awtorità toħroġ notifika formali li flotta ta' vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri jew parti minnha ġiet sospiża, konfiskata, jew imneħħija mit-toroq jew mir-Reġistru korrispondenti tagħha għal kwalunkwe raġuni, id-detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-ibbukkjar għandu, fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa min-notifika formali tal-Awtorità jaġġorna s-sistemi tiegħu sabiex il-vetturi kkonċernati ma jibqgħux disponibbli u ma jirċevux aktar prenotazzjonijiet permezz tal-pjattaforma intermedjarja.

(8) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji, inklużi iżda mhux limitatament, għall-inklużjoni ta' funzjonijiet fis-software rilevanti tal-applikazzjonijiet online tiegħu, sabiex jipprekludi lix-xufier għall-ġarr ta' passiġġieri b' vettura żgħira milli jaħdem b'mod li jikser l-obbligi minimi ta' mistrieħ skont ir-regolament 37A. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun obbligat jaġixxi b'mod immedjat ladarba d-database tiegħu tirċievi notifika li sewwieq ta' vettura żgħira għat-trasport ta' passiġġieri naqset milli taderixxi mal-obbligi minimi ta' mistrieħ skont ir-regolament 37A u għandu jissospendi l-prenotazzjonijiet relatati ma' dak ix-xufier u b'estensjoni, ma' dik il-vettura sakemm in-nuqqas jiġi rimedjat.

(9) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni għandu jkun obbligat jivverifika l-identità tax-xufier tal-vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri reġistrat fid-databases tiegħu u li qed juża l-applikazzjoni onlajn tiegħu permezz ta' verifika bl-għarfien tal-wiċċ. Il-verifika għandha ssir:

(a) qabel l-ewwel log-in tax-xufier imsemmi matul ġurnata kalendarja; u

(b) b'mod perjodiku matul dik il-ġurnata kalendarja sabiex tiġi kkonfermata l-identità tax-xufier permezz ta' talbiet ta' verifika bl-għarfien tal-wiċċ kull meta s-sewwieq jeċċedi perjodu ta' mhux anqas minn tliet (3) sigħat ta' sewqan kontinwu fuq l-applikazzjoni tal-pjattaforma tal-intermedjarju għall-prenotazzjoni.

(10) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni għandu jaderixxi ma' korelazzjoni stretta ta' wieħed għal wieħed (1:1) bejn vetturi attivi rreġistrati skont is-subregolament (4). Id-detentur għandu jiżgura li l-ebda flotta ma tista' ddaħħal aktar vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri sakemm dik il-vettura ma jkollhiex xufier korrispondenti li jkun konformi għal kollox ma' dawn ir-regolamenti u għandu jissorvelja kontinwament id-databases tiegħu sabiex jirrestrinġi u jissospendi kwakunkwe vettura addizzjonali kull meta jseħħ ksur ta' dan is-subregolament:

Iżda meta d-detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għal prenotazzjoni jonqos milli jżomm il-proporzjon meħtieġ bejn ix-xufier u l-vettura, għandu jkun dovut dritt amministrattiv ta' elf u mitejn euro (€1,200) għal kull vettura addizzjonali li teċċedi l-proporzjon permissibbli lill-Awtorità għal kull xahar li matulu tali nuqqas jippersisti.

(11) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jipprovdi servizz ta' pjattaforma intermedjarja għal prenotazzjoni għandu jipprovdi, limitatament lil dawk ix-xufiera li jaħdmu għal rashom li huma rreġistrati mal-Awtorità f'termini ta' liċenzja LPTV1 tal-operatur, l-informazzjoni rilevanti fir-rigward tad-destinazzjoni u l-ipprezzar ta' kwalunkwe vjaġġ prospettiv bi trasparenza sħiħa, lix-xufiera rreġistrati fuq il-pjattaforma intermedjarja għal prenotazzjoni tiegħu li jkunu qed ifittxu b'mod attiv li jwettqu vjaġġ, qabel ix-xufier jaċċetta l-vjaġġ propost.".

Jemenda r-regolament 67 tar-regolamenti prinċipali.

22. Ir-regolament 67 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(ċ) ir-regolament 58(1);

"(d) ir-regolament 37A:

Iżda għall-finijiet tal-ksur skont is-subparagrafu (d), l-Awtorità għandha biss tiftaħ proċeduri skont is-subregolament (1) jekk taċċerta li l-allegat ħati diġa' ġie preċedentament imressaq u mmultat skont is-subregolament (2):

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subregolament, l-allegat ħati jista' jinftiehem jew bħala x-xufier għall-ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar u, jew id-detentur tal-liċenzja tal-operatur. L-Awtorità tista' wkoll tagħżel li tissospendi l-liċenzja, it-tag tax-xufier rispettiv jew kwalunkwe awtorizzazzjoni oħra, skont il-każ, u timponi tnaqqis ta' punti penali fid-diskrezzjoni assoluta tagħha.";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Kull persuna li tikser:

(a) ir-regolament 5(4)(f);

(b) ir-regolament 37A;

(ċ) ir-regolament 38;

(d) ir-regolament 42;

għandha tkun ħatja ta' reat u għandha meta tinstab ħatja tkun soġġetta għal multa ta' mhux aktar minn tliet elef euro (€3,000):

Iżda għall-finijiet tal-ksur tas-subregolament (2), tali ksur jista' jibqa' jissussisti fi kwalunkwe waqt wara l-proċess ta' applikazzjoni u ta' tiġdid u l-operatur għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti matul il-perjodu kollu ta' attività kopert mil-liċenzja tal-operatur u l-ingaġġ tax-xufier mal-operatur:

Iżda wkoll għall-finijiet tal-ksur tal-paragrafu (b), l-Awtorità tista' tagħżel li toħroġ twissija bil-miktub formali lill-allegat ħati qabel ma tibda proċeduri amministrattivi jew kriminali, jekk tiżgura ruħha li l-allegat ħati għandu rekord nadif u li tali ksur huwa l-ewwel każ ta' tali att jew omissjoni:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan is-subregolament, l-allegat ħati jista' jinftiehem bħala x-xufier tal-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar u, jew id-detentur tal-liċenzja tal-operatur.";

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "fir-regolamenti 64 u 65" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "64, 65 u 66A";

(ii) il-kliem "elf u mitejn euro (€1,200)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "elf u mitejn euro (€1,200):" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fil-każ li d-detentur tal-awtorizzazzjoni li jipprovdi servizzi ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni jikser kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 66A, bil-konsegwenza li flotta ta' vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri jew parti minnha titħalla tibqa'

tidher fuq il-pjattaforma u, jew taċċetta prenotazzjonijet fuq l-istess pjattaforma, kontra kwalunkwe ordni jew deċiżjoni tal-Awtorità, il-qorti kompetenti għandha timponi multa skont is-subregolament (4) separatament fir-rigward ta' kull vettura li titħalla tidher jew tirċievi prenotazzjonijiet fuq il-pjattaforma intermedjarja.";

(d) minnufih wara s-subregolament (9) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(10) Kull min jinstab li kiser l-obbligi tal-iggaraxxjar jew ipparkjar tal-vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri skont ir-regolament 17 għandu jkun soġġett għall-kontravvenzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda 5 li għandhom jiġu infurzati u amministrati mill-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali kif stabbilita bl-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali jew kwalunkwe kuntrattur debitament awtorizzat mill-imsemmija Aġenzija u l-imsemmija Aġenzija għandha l-jedd li tneħħi, taħżen jew tiddisponi minn kwalunkwe vettura jew tqiegħed klampi mar-roti ta' kwalunkwe vettura skont ir-regolamenti 4 u 5 tar-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru.

L.S. 595.14.

L.S. 65.13.

(11) Kwalunkwe detentur ta' liċenzja ta' operatur u, jew xufier ta' vettura żgħira ta' ġarr ta' passiġġieri li jinstab ħati ta' ksur tal-artikolu 15I(1)(ċ) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku għandu, mingħajr preġudizzju għall-pieni stabbiliti fl-artikolu 15H tiegħu, jeħel ukoll ir-revoka immedjata ta' kull awtorizzazzjoni, liċenzja jew permess miżmuma skont dawn ir-regolamenti mill-persuna misjuba ħatja ta' dak il-ksur, u għandu jeħel multa ulterjuri ta' mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) jew priġunerija għal perjodu li ma jeċċedix sitt (6) xhur jew dik il-multa kif ukoll dik il-priġunerija f'daqqa.

Kap. 65.

(12) (1) Kwalunkwe detentur ta' liċenzja ta' operatur u, jew xufier ta' vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri li minkejja li jkun irċieva twissija bil-miktub skont is-subregolament (2) jinstab ħati tat-tieni ksur tar-regolament 37A għandu jeħel meta jinstab ħati multa ta' ħames mitt euro (€500).

(2) Kull meta l-istess detentur ta' liċenzja u, jew xufier jinstab ħati tat-tielet ksur tar-regolament 37A, għandu jeħel, meta jinstab ħati, multa (*ammenda)* ta' elf euro (€1,000). L-Awtorità għandha wkoll tissospendi l-validità tat-tag tax-xufier rilevanti għal perjodu ta' mhux anqas minn tnax (12)-il xahar u timponi ħamsin (50) punt penali fuq il-liċenzja tal-operatur.

(13) Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha immedjatament tissospendi l-validità tat-tag ta' kull xufier li jinstab li jkun qabeż il-limitu legali ta' alkoħol ta' żero (0) milligrammi għal kull mitt (100) millilitru demm skont l-artikolu 15I tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, sakemm jingħalqu kwalunkwe proċeduri oħra.". Kap. 65.

23. Fil-proviso tas-subregolament (1) tar-regolament 71 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "liċenzja ta' operatur." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "liċenzji ta' operatur:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej: Jemenda r-regolament 71 tar-regolamenti prinċipali.

"Iżda wkoll meta operatur jinstab li kiser id-disposizzjonijiet tar-regolament 37A għal tal-anqas ħames (5) darbiet jew aktar b'mod kumulattiv, l-Awtorità għandu jkollha l-jedd li tissospendi jew tirtira tali liċenzja ta' operatur kif jidhrilha xieraq.".

24. Ir-regolament 77 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 77 tar-regolamenti prinċipali.

"Kategoriji ta' liċenzja ta' operatur.

77. Persuna naturali jew persuna ġuridika tista' tapplika għal liċenzja ta' operatur:

(a) sabiex topera servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar permezz tal-liċenzja ta' operatur LPTV1;

(b) sabiex topera servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar permezz tal-liċenzja ta' operatur LPTV2;

(ċ) sabiex topera servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri għal okkażjonijiet speċjali SOV; u, jew

(d) sabiex topera servizzi ta' kiri ta' vetturi:

Iżda d-drittijiet għal kull waħda minn dawn il-liċenzji għandhom ikunu applikabbli u dovuti minn dik il-persuna naturali jew persuna ġuridika, skont il-każ.".

Jissostitwixxi r-regolament 78 tar-regolamenti prinċipali.

25. Ir-regolament 78 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Dispożizzjoni tranżitorja.

78. Operaturi li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandhom fil-pussess tagħhom liċenzja ta' operat valida jew għandhom applikazzjoni pendenti għall-ħruġ ta' liċenzja ta' operatur, għandu jkollhom sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ ta' tali regolamenti sabiex jikkonformaw mal-istess. Kwalunkwe tiġdid ta' liċenzja għandu jkun awtorizzat unikament jekk l-operatur jikkonforma ma' dawn ir-regolamenti fil-perjodu hawnhekk speċifikat :

Iżda għall-fini tar-regolament 37, l-operaturi li għandhom fil-pussess tagħhom liċenzja ta' operatur valida jew għandhom applikazzjoni pendenti għall-ħruġ ta' liċenzja ta' operatur għandu jkollhom erba' u għoxrin (24) xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sabiex jikkonformaw. Kwalunkwe tiġdid ta' liċenzja għandu jkun awtorizzat unikament jekk l-operatur jikkonforma ma' dan ir-regolament, fil-perjodu hawnhekk speċifikat :

Iżda wkoll għall-fini tas-Seba' Skeda d-detenturi ta' awtorizzazzjoni sabiex joffru servizz ta' pjattaforma intermedjarja għal prenotazzjoni huma meħtieġa biss li jibdew il-monitoraġġ tal-għadd ta' vjaġġi għall-fini tal-kalkolu tal-ammont tat-tiġdid tad-dritt ta' awtorizzazzjoni mill-1 ta' Jannar 2026, bl-ewwel ħlas tad-dritt ta' awtorizzazzjoni kif ikkalkulat skont is-Seba' Skeda jkun dovut fl-1 ta' Jannar 2027.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

26. Minnufih wara r-regolament 78 tar-regolamenti prinċipali

kif sostitwit, għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Infurzar. S.L. 499.51.

79. Bla ħsara għad-dispożizzjoniiet tar-Regolamenti dwar l-Uffiċjali tal-Infurzar tat-Trasport, l-ebda dispożizzjoni f'dawn ir-regolamenti ma għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprobixxi kwalunkwe uffiċjal awtorizzat mill-Aġenzija tas-Sistema tal-Infurzar Lokali jew kwalunkwe uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva milli jinforzaw kwalunkwe regolamenti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti u kull meta uffiċjal mill-Aġenzija tas-Sistema tal-Infurzar Lokali jew mill-Pulizija Eżekuttiva jinvestiga jew jaġixxi fuq ksur ta' dawn ir-regolamenti, tali uffiċjali għandhom permezz ta' dan ir-regolament ikunu vestiti bl-istess setgħat u drittijiet mogħtija lill-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità, u l-Awtorità għandha mingħajr dewmien, taqsam kwalunkwe informazzjoni meħtieġa ma' dawn l-uffiċjali u tiffaċilita l-investigazzjonijiet jew l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom.".

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

27. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"L-EWWEL SKEDA
(regolamenti 5(4), 42(b), 44(5), 44(6), 65(4))

DRITTIJIET

Dritt għall-applikazzjoni għal Liċenzja ta' Operatur għal Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar LPTV1 (taħt it-Taqsima II)	€200
Dritt għall-applikazzjoni għal Liċenzja ta' Operatur għal Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar LPTV2 (taħt it-Taqsima II)	€200
Dritt għall-applikazzjoni għal Liċenzja ta' Operatur għal Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi għal Okkażjonijiet Speċjali SOV (taħt it-Taqsima II)	€200
Dritt għat-tiġdid ta' Liċenzja ta' Operatur għal Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar LPTV1 (taħt it-Taqsima II)	€200
Dritt għat-tiġdid ta' Liċenzja ta' Operatur għal Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar LPTV2 (taħt it-Taqsima II)	€200

Dritt għat-tiġdid ta' Liċenzja ta' Operatur għal Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi għal Okkażjonijiet Speċjali SOV (taħt it-Taqsima II)	€200
Passiġġieri b'Vetturi Żgħar (taħt it-Taqsima II)	€50
Trasferiment ta' Liċenzja ta' Operatur LPTV1 (taħt it-Taqsima II)	€100
Trasferiment ta' Liċenzja ta' Operatur LPTV2 (taħt it-Taqsima II)	€500
Trasferiment ta' Liċenzja ta' Operatur SOV (taħt it-Taqsima II)	€500
Tibdil fil-Liċenzja (taħt it-Taqsima II)	€25
Ħruġ ta' Liċenzja mitlufa LPTV1 (taħt it-Taqsima II)	€25
Ħruġ ta' Liċenzja mitlufa LPTV2 (taħt it-Taqsima II)	€100
Ħruġ ta' Liċenzja mitlufa SOV (taħt it-Taqsima II)	€100
Applikazzjoni għall-ħruġ u tiġdid ta' tag ta' xufier (taħt it-Taqsima IV)	€12
Sostituzzjoni ta' tag ta' xufier mitlufa (taħt it-Taqsima IV)	€20
Dritt għall-applikazzjoni għal Liċenzja ta' Operatur għal Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (taħt it-Taqsima V)	€200
Trasferiment ta' Liċenzja ta' Operatur (taħt it-Taqsima V)	€50
Bidla fil-Liċenzja (taħt it-Taqsima V)	€25
Ħruġ ta' liċenzja mitlufa (taħt it-Taqsima V)	€10
Dritt għall-applikazzjoni ta' Liċenzja ta' Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri (taħt it-Taqsima VIII)	€50 kull vettura
Dritt għall-applikazzjoni għal Servizz ta' Pjattaforma Intermedjarja għall-Prenotazzjoni (taħt it-Taqsima IX)	€100
Dritt annwali għat-Tiġdid (taħt it-Taqsima IX)	Skont id-dispożizzjonijiet tas-Seba' Skeda. ".

Sostituzzjoni tar-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

28. Ir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"IR-RABA' SKEDA
(regolament 68)

PENALI AMMINISTRATTIVI

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4	Kolonna 5	Kolonna 6
Regolament	**Penali Amministrattivi għal Operaturi b'Liċenzja ta' Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar (€)**	**Penali Amministrattivi għal Xufiera ta' Vetturi Żgħar għall-Ġarr ta' Passiġġiera (€)**	**Penali Amministrattivi għal Operatur b'Liċenzja ta' Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (€)**	**Penali Amministrattivi għal Operatur ta' Servizz ta' Ġarr ta' Passiġġieri għal Okkażjonijiet Speċjali (€)**	**Penali Amministrattivi għal Fornitur ta' Servizz ta' Pjattaforma Intermedjarja għall-Prenotazzjoni (€)**
regolament 6(6)	100			100	100
regolament 10	200			200	
regolament 11	200			200	
regolament 15	500	500			500
regolament 16	200				
Nuqqas li tintwera d-diska tal-parkeġġ awtorizzata skont ir-regolament 17	500			500	
regolament 18	200			200	
regolament 19	200				
regolament 21		250			
regolament 22		200			
regolament 23		50			
regolament 24		50			
regolament 25		50			

regolament 26		50			
regolament 27		100			
regolament 28	250				
regolament 30		100			
regolament 32		100			
regolament 33	100			100	
regolament 34	100	100		100	
regolament 35	50			50	
regolament 36	100			100	
regolament 37	250	250			
regolament 37(4)	500				
regolament 37A	500				
regolament 51	1500				
regolament 52			200		
regolament 53			200		
regolament 54			100		
regolament 55			100		
regolament 57	500				
regolament 63	500	500			500.".

Iżid Skedi ġodda mar-regolamenti prinċipali.

29. Minnufih wara r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, kif sostitwita, għandhom jiġu miżjuda l-Iskedi ġodda li ġejjin:

B 1853

"IL-ĦAMES SKEDA
(regolament 17)

KONTRAVENZJONIJIET
(Ksur tal-iggaraxxjar u tal-parkeġġ)

Għadd ta' ksur fit-tnax (12)-il xahar preċedenti	Prezz tal-Ammenda	Titħallas minn:
1-4	€100	Id-detentur tal-liċenzja ta' operatur (marbuta man-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura (number plate) tal-vettura li tikkawża l-ksur).
5-6	€200	
7-8	€300	
9-10	€400	
11 jew aktar	€500	

B 1854

IS-SITT SKEDA
(regolament 17)





Notes: 1) Objects in pink represent the cutouts for inserting the licence disc, for inserting the parking clock and for viewing the clock time.
2) Objects in green represent the cutouts on the inside of the holder, as viewed from the windscreen side.

B 1855

PARKING CLOCK BACK



PARKING CLOCK FRONT



B 1856

IS-SEBA' SKEDA
(regolament 65(4))

Id-dritt ta' awtorizzazzjoni stipulat fir-regolament 65(4) marbut mat-tiġdid annwali tal-awtorizzazzjoni mogħtija fir-rigward ta' servizz ta' pjattaformi intermedjarji għall-prenotazzjoni għandu jkun imsejjes fuq kalkolu bbażat fuq il-vjaġġi.

Sabiex jiġi evitat kull dubju, in-numru ta' vjaġġi għandu jiġi kkalkulat kumulattivament billi jiġu kkombinati t-totalità tal-vjaġġi mwettqa mill-vetturi kollha tas-servizz ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar attivament reġistrati u li joperaw fuq is-servizz ta' pjattaforma intermedjarja għall-prenotazzjoni rispettiva.

Livell	Firxa tal-Vjaġġi	Dritt annwali ta' Awtorizzazzjoni
1	0-50,000	€5,000
2	50,001-150,000	€20,000
3	150,001-700,000	€30,000
4	700,001-1,500,000	€70,000
5	1,500,001-2,000,000	€90,000
6	2,000,001-5,000,000	€130,000
7	5,000,001-9,000,000	€200,000
8	9,000,001-15000,000	€280,000
9	'Il fuq minn 15,000,000	€320,000".